MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1340/2002

Kawza fil-lista: 44

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-14 ta’ Awissu, 1982 hekk kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg bin-numru 1589 hawn anness u mmarkat bhala Dok. MM1;

U premess illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal mill-imsemmi zwieg u cioe Clayton li llum huwa maggorenni u Joshua li huwa minorenni;

U premess illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess attrici, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut;

U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili Digriet numru 1228/2002 datat 16 ta' Lulju, 2002 hawn anness u mmarkat Dok. MM2;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' l-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha u ghall-minuri Joshua fuq imsemmi, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu;

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza tal-komminazzjoni li jitlef kull dritt li jiret lill-attrici.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux

necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundanah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri Joshua u dana ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa

1. Illi preliminarjarment biex jindika l-koperazzjoni tieghu ma dina l-Wisq Onorabbli Qorti, il-konvenut C B jissottometti li fil-mument li qed jipprezenta dina n-nota ta' l-eccezzjonijiet, huwa ghadu ma giex notifikat bic-citazzjoni ta' l-attrici martu, li minnha huwa 'de facto' mifrud ghal dawn l-ahhar sentejn u fuqhom, imma li huwa qieghed formalment jaghti ruhu b'notifkat bl-atti tal-kawza odjerna.

2. Illi l-eccepjenti jixtieq jgharraf lil dina l-Onorabbli Qorti li huwa fi hsiebu li jipprezenta l-kontro-talba tieghu ghat-talbiet attrici fic-citazzjoni odjerna, u dana biex jiffranka hela ta' hin lil dina l-Onorabbli Qorti u anke anqas spejjez u drittijiet ghalih.

3. Illi in linea preliminari u fuq punt legali, in-nullita' tac-citazzjoni odjerna peress illi kif jirrizulta manifestament car, l-attrici qatt ma giet debitament

awtorizzata biex tipprocedi ghal kawza kontenzjuza kontra zewgha, u nqdiet bid-digriet tas-Sekond'Awla ottenut mill-konvenut biex taghmel taghha id-digriet moghti lil konvenut, meta legalment anke a bazi ta' artikolu 37 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma setghetx taghmlu: kwindi s-sottomissjoni tan-nullita', l-invalidita', l-ineffettivita' u allura n-nuqqas ta' enforzabilita' tal-kawza ta' l-attrici f'dak kollu li qed isegwi u ghad jista' jsegwi u jigi deciz fil-kawza ntavolata nhar is-sitta u ghoxrin ta' Novembru, tas-sena elfejn (26.11.2002).

4. Illi minghajr pregudizzju ghall eccezzjoni in linea preliminari dwar in-nullabilita' u l-invalidita' tal-kawza odjerna, l-ewwel premessa attrici hija minnu kif hija t-tieni premessa, pero' ma hemmx qbil dwar it-tielet premessa billi kienet l-attrici hatja tat-tifrik irremedjabilment ta' dan iz-zwieg, u billi abbandunat id-dar konjugali ghar-ragunijiet moralment serji bhal ma huma atti ta' lezbjanizmu, adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti ta' l-attrici fil-konfront ta' l-istess zewgha u z-zewg uliedha li lanqas biss iriedu jkelmuha llum, u kwindi f'tort unikament ta' l-attrici dan iz-zwieg tfarrak u tant hu hekk li kienet hi stess li abbandunat id-dar konjugali u qed tghix f'residenza separata m'ohtha li hija tal-istess inklinazzjoni morali tal-attrici, kif il-konvenut ifisser f'aktar dettal fid-dikjarazzjoni guramentata li huwa sejjer jaghmel ma din in-nota ta' l-eccezzjonijiet odjerna.

5. Illi ma huwa minnu xejn dak li qed tikkontendi l-attrici, li hija giet debitament awtorizzata biex tipprocedi b'dawn il-proceduri odjerni, kif jirrizulta car mid-dokument MM2 fejn l-awtorizzazzjoni inghatat biss lil konvenut u mhux lill attrici li kellha tinghata parir li taghmel il-proceduri skond il-ligi u mhux il-procedura qed tigi nterpretata skond kif kullhadd jaqbillu ghal dawk li huma proceduri ta' kif isiru l-kawzi quddiem il-Qrati tal-Gustizzja taghna.

6. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tintlaqa’ biss mhux ghal ragunijiet indikati mill-attrici imma ghal dawk li jirrizultaw fl-atti ta’ dan il-process u fil-mori tal-kawza mill-provi li sejrin jittresqu mill-istess konvenut li sejjer jaghmel ukoll il- kontro-talba opportuna tieghu.

7. Illi f’kull kaz l-attrici gja’ ilha tghix separatament mill-konvenut ghal aktar minn sentejn u r-residenza attwali taghha hija m’ohtha li jisimha Pauline Mizzi f’numru 60, f’dar maghrufha bl-isem ta’ “Mirage”, Triq is-Sidra, gewwa s-Swieqi, fejn hemmhekk qed jikkoabita’ maghhom is-sieheb li kellha Pauline Mizzi f’armonija ta’ moralita’ li hija ferm allontanata mill-principji elenkati fil-Bibbja u anke fit-twemmin nisrani, kif jigi mfisser f’aktar dettal fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

8. Illi l-konvenut ma huwa sejjer jivversa l-ebda forma ta’ retta alimentari lill-attrici li f’kull kaz tahdem ‘full time’ u dana peress li hija hatja ta’ lezbjanizmu u adulterju u abbandun mid-dar konjugali, abbandun mill-konvenut u z-zewgt uliedhom, li odjernament l-istess uliedhom lanqas biss iriedu jafu b’ommhom minhabba li stil degredanti ta’ hajja li hija ghazlet u ghalhekk ghandha tkun l-attrici li tivversa retta alimentari lil konvenut u lil wild minuri li ghad baqa’, mehud inkonsiderazzjoni l-eluf ta’ liri li hadet lil konvenut mill-assi tieghu kemm dawk parafernali kif ukoll dawk tal-komunjoni fis-sens illi litteralment abbandunat id-dar konjugali u hallitu kif jghid il-Malti ‘lampa stampa’, fejn Alla hares il-konvenut u uliedu ma kienux bil-ghaqal ghax kieku dawn illum anke qed ikollhom diffikultajiet ghal sopravivenza taghhom.

9. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi nvertita, fis-sens illi hija l-attrici li a bazi ta’ artikolu 48 tal-Kodici Civili ghandha tigi dikjarata bhala li ddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut u dak kollu li jimplika bl-effetti kollha diretti jew indiretti tieghu l-artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. Illi fic-cirkustanzi ir-raba' (4) talba attrici m'ghandiex tintlaqa' imma li din ghandha tkun applikata favur il-konvenut anke a bazi tal-kontro-talba li huwa sejjer jaghmel ma l-atti ta' din il-kawza odjerna.

11. Illi l-hames (5) talba attrici ghandha tintlaqa' fis-sens li l-attrici m'ghandha tiehu assolutament xejn minhabba d-dekadenza taghha ghal skopijiet morali u bhala stat ta' fatt, u li kollox ghandu jigi assenjat lill konvenut li del resto kien huwa li ra li l-proprjeta' tal-komunjoni tibqa' fi stat tajjeb u kien huwa li bhala 'bonus pater familias' ha hsieb iz-zewg uliedu, b'mod illi z-zewg uliedu li sejrin jaghmlu l-affidavits taghhom f'din il-kawza odjerna sejrin juru bic-car id-deportament immorali t'omhom u fic-cirkostanzi lanqas biss iridu jikkomunikaw maghha.

12. Illi s-sitt (6) talba attrici ghandha tigi michuda, billi l-attrici ma gabet litteralment xejn maghha fiz-zwieg kif il-konvenut sejjer ifisser fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, imma s-sitt (6) talba attrici ghandha tigi deciza favur il-konvenut skond kif jirrizulta mill- kontro-talba tieghu, fejn l-attrici tintalab taghmel tajjeb ghad-danni u ghat-tehid u abbuziv u llegali ta' assi li kienu jappartjenu lill komunjoni ta' l-akkwisti, fid-dawl ta' dak li diga gie osservat aktar kmieni f'dawn l-eccezzjonijiet sollevati da parti tal-konvenut. Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi, hija l-attrici li ghandha tigi kkunddannata thallas dik is-somma li ghandha tigi likwidata occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, lil konvenut billi fir-rigward ta' l-attrici qatt ma kien hemm la beni dotali u/jew parafernali kif qed tallega l-istess attrici.

13. Illi s-seba' (7) talba attrici ghandha tigi michuda ghall-kollox, billi kienet l-istess attrici li abbandunat id-dar konjugali, u issa ghal aktar minn sentejn saret ir-residenza tal-konvenut li fiha jghix flimkien maz-zewgt uliedu, wiehed maggorenni li jismu Clayton u li ghandu dsatax (19) il-sena u l-minuri Joshua li

ghandu sittax (16) il-sena, u dana kif sejrin ifissru l-istess konvenut u uliedu fl-affidavits li huma jaghmlu fil-mori ta' dawn il-proceduri odjerni.

14. Illi l-konvenut fic-cirkostanzi m'ghandu jbati ebda spejjez, la dawk gudizzjarji u anqas extra gudizzjarji, u minn issa jirreferi lil dina l-Onorabbli Qorti ghat-talbiet tieghu fil- kontro-talba li sejjer jaghmel.

Rat il-kontro talba tal-konvenut rikonvenzjonant li biha ppremetta u talab hekk:

Premess illi l-konvenut C B huwa debitament awtorizzat biex jipprocedi ghal firda legali minn ma martu l-attrici a bazi ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili moghti fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) permezz ta' digriet numru 1228/2002 fl-ismijiet: "C B - versus - Maria Rosaria B Gauci".

Premess illi fid-dawl tal-proceduri odjerni l-attrici ntavolat kawza kontra zewgha a bazi ta' digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, fejn awtorizza biss lil konvenut C B, u dan a bazi tal-istess dokument li ezebit l-istess attrici, u kwindi hemm suspetti legalment fondati li l-attrici tista' ma tkunx legalment awtorizzata biex tipprocedi ghal firda legali kontra zewgha l-konvenut odjern.

Premess illi ghal kull buon fin u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari sollevati mill-konvenut, il-konvenut qed jinqeda b'din l-opportunita' biex huwa stess jintavola l-kawza tieghu fil-konfront ta' martu u kwindi l-kontro-talba odjerna.

Premess illi l-konvenut jirreferi ghan-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu ma din il-kawza odjerna u ghad-dikjarazzjoni guramentata tieghu man-nota ta' l-eccezzjonijiet u jrid li dawk jiffurmaw parti mill-premessi tieghu ghal kontro-talbiet fil-konfront ta' Maria Rosaria B.

Premess illi huwa minnu li l-konvenut inghaqad fiz-zwieg ma l-attrici, li mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kellhom zewgt itfal, li llum wiehed minnhom huwa maggorenni u l-iehor ghalaq is-sittax (16) il-sena, u li fic-cirostanzi dan iz-zwieg illum tfarrak irremedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni b'tort unikament ta' l-agir irresponsabbli u d-deportament immorali da parti ta' l-attrici u fejn allura l-konvenut ma kellu l-ebda triq ohra ghajr illi fil-mument opportun huwa jintavola l-kawza kontra l-istess attrici;

Premess illi l-attrici hija hatja tal-kontenut ta' l-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 ta' Ligijiet ta' Malta, u li fir-rigward tal-konvenut u fic-cirkostanzi ma kien baqalu l-ebda triq ohra ghajr illi jintavola il-kawza tieghu ghal-firda legali kontra l-istess martu l-attrici;

Premess dan kollu, tghid l-attrici ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m'ghandiex tevalwa, tifli, taqta', tiddecidi u tordna illi:

1. Din il-firda legali sehhet minhabba ragunijiet legalment u fattwalment fondati u mputabbli unikament lill-attrici Maria Rosaria B sive Maria Rosaria B Gauci u dan kif gie mfisser fil-mori ta' din il-kawza permezz tax-xhieda prodotti u evidenza sottomessa;

2. Ghandha tigi dikjarata l-firda legali fic-cirkostanzi bejn il-konjugi B, bl-ispejjez kollha kontra l-attrici nkluz dawk gudizzjarji u extra gudizzjarji, tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt, u l-attrici tiddekadi minn dawk id-drittijiet u jeddijiet kollha kif stipulat fl-artikolu 48 u artikolu 51, iz-zewg artikli fl-intier taghhom, tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. L-attrici ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia Gauci u titlef il-jedd li tuza l-kunjom B, billi a bazi tal-Kodici Civili l-uzu ta' kunjom il-konvenut da

parti ta’ l-attrici qed jikkaguna pregudizzji serji lill-istess konvenut, kif ukoll li d-dar konjugali li hija proprjeta’ parafernali tal-konvenut u tinsab sitwata f’numru 36, “La Colomba”, fi Triq it-Trunciera t-Twila f’San Gwann - SGN 08, din ghandha tigi assenjata lil konvenut C B, considerando illi kapricjozament u minghajr l-ebda raguni legalment fondata, sa mill-bidu tas-sena elfejn (2000), l-attrici qabdet u abbandunat id-dar konjugali;

4. Ghandha tigi versata retta alimentari mill-attrici lill-konvenut zewgha u lil iben minuri sa kemm dan jibqa’ minuri, minbarra li taghmel tajjeb ghad-danni li l-attrici kkagunat lill konvenut b’rizultat tal-abbandun taghha mid-dar konjugali u anke t-tehid ta’ flus, mobbli u mobbilja li kienu jappartjenu mhux biss lil komonjoni ta’ l-akkwisti imma anke parafernalment lill-istess konvenut.

5. Il-kontendenti konjugi B ghandhom jitilfu d-dritt tas-successjoni naha lil ohra u vici versa minghajr pregudizzji ghad-drittijiet ta’ terzi persuni fosthom ulied il-kontendenti, u li dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni li jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi a bazi tal-kontro-talbiet tal-konvenut kif hawn fuq suesposti u f’kull eventwalita’ li dina il-Qorti jidhrilha xieraq, bhal per ezempju jekk l-attrici taqa’ kontumacja fid-dawl ta’ dawn il-kontro-talbiet jew in-nomina ta’ periti jew kuraturi deputati jew nutar pubbliku skond ic-cirkostanzi li din il-Qorti jidhrilha opportun.

6. Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji kontra l-attrici li minn issa tibqa’ ngunta in subizzjoni.

B’rizerva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra ghad-danni spettanti lil konvenut kontra l-istess attrici.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat li biha eccepixxa illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser b’mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti, dan pero’

gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut rikonvenzjonant hekk kif indikat fic-citazzjoni attrici. Di fatti l-eccipjenti qeda ghall-darba ohra tirreferi ghal u tikkonferma dak kollu minnha dikjarat u mitlub fic-citazzjoni attrici, u kwindi l-kazwali u talbiet imsemmija fil-kontro-talba qeghdin jigu kkontestati in toto.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri minnu debitament mahlufa;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda principalment titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja ta' s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut in bazi ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 imputabbli unikament lill-istess konvenut; kif ukoll ghamlet talbiet konsegwenzjali u sussidjarji ghat-talba principali.

Il-konvenut minn naha tieghu, filwaqt li jaqbel li z-zwieg tieghu ma' l-attrici tfarrak irremidjabilment, isostni li ghal dan tahti unikament l-attrici meta din abbandunat id-dar konjugali, ikkommettiet adulterju, u hija responsabbli ghall-fatturi indikat fl-Artikolu 40 ta' l-imsemmi Kap. Huwa wkoll eccepixxa prelminarjament in-nullita' tac-citazzjoni stante li kien il-konvenut li kien debitament awtorizzat jistitwixxi proceduri ghas-separazzjoni personali, u mhux l-attrici.

Illi kif ritenut fil-gurisprudenza, il-ligi tqieghed bhala motivi gustifikanti l-azzjoni ghal separazzjoni personali l-episodji

[1] Fol.178 *et seq.*

saljenti tal-hajja u mhux incidenti isolati jew ta' importanza minuri. Mill-banda l-ohra sabiex treggi din l-azzjoni huwa bizzejjed li jirrizulta provat wiehed mill-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40, kif ukoll fl-Artikolu 38 u 41 tal-Kap.16.

Illi dwar l-apprezzament tal-provi jinsab osservat fil-kawza *PA[PS] Marthese Vella vs George Vella – 28.02.2003* kull parti fil-kawza tista' tixhed; izda din il-prova e' da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzione che una sana critica, tenuto conto dell' interesse manifesto del deponente, puo' inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova, e sopratutto dal confronto delle disposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personali dall'altro coniuge, si svolgono generalmente entro il segreto delle pareti domistiche.. *[PA Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia – 7.03.1919]*

Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha, u taghtihom il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet zzewwgu fl-14 ta' Awissu 1982 u minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom zewgt it-tfal li llum huma maggjorenni. F' April tas-sena 2001 l-attrici telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma' ohta. It-tfal u zewgha l-konvenut baqghu jghixu fid-dar konjugali.

L-attrici ssostni li hija ghamlet dan il-pass peress li ma felhitx tghix izjed mal-konvenut li kien juriha disrispett, kien jghajjarha u jheddida u anke isawwatha. Hija tghid li l-konvenut kien jaghmel id-dejn ad insaputa taghha u imbaghad ikollha tidhol ghalih hi biex tevita li johdulhom kollox. Issemmi b' mod partikolari d-dejn li kien ghamel il-konvenut ma' certu George Bartolo, ma' United Appliances Limited u fuq il-vettura Lada.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li l-attrici kienet aggressiva mieghu u taqla' l-inkwiet il-hin kollu, kif ukoll li kienet bdiet tohorg mal-hbieb kuljum u ddum barra tard filghaxija, u anke biddlet l-istil taghha kif tidher quddiem in-nies b' ilbies skullat u kienet zebghat xaharha b' mod li kienet "qisha xi wahda minn tal-Gzira." Huwa jakkuza lill-attrici b' relazzjonijet extra maritali u sahansitra b' adulterju.

Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi tikkondividi t-tesi accettata miz-zewg partijiet li z-zwieg taghhom tfarrak irremidjabilment, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet. Il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut sevizzi konsistenti f' imgieba egoistika da parti tieghu fil-konfront ta' l-attrici, xehha fil-flus, u komportament li juri nuqqas ta' disrispett lejha, kif ukoll l-atteggjament tieghu li jaghmel id-dejn ad insaputa taghha biex imbaghat ikollha taghmel tajjeb ghalih hi biex tevita l-proceduri gudizzjarji konsengwenzjali. Minn naha l-ohra, mill-provi jirrizulta li l-attrici ma llimitatx ruhha li titlaq mid-dar u tmur tghix band' ohra, imma addirittura kienet stabbiliet relazzjonijiet ta' hbiberija anke ma rgiel li, ghalkemm ma giex provat l-adulterju stante li dan jirrikjedi provi precizi, gravi u konkludenti, minn naha l-ohra dan il-komportament jikkostitwixxi offiza gravi fil-konfront tal-konvenut zewgha li bid-dritt kollu kellu, u ghad ghandu, d-dritt li jesigi certu komportament dinjituz minn martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfiguraw is-sevizzi fil-konfront tal-konvenut, u l-offizi gravi fil-konfront ta' l-attrici, u t-tnejn huma wgwalment responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg taghhom. Rigward l-imputazzjonijiet reciproci l-ohra, il-Qorti tosserva li dawn ma jirrizultawx sodisfacentment provati.

Illi rigward il-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti jigi osservat li fl-udjenza tal-3 ta' April 2003 gie verbalizzat li "Dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-partijiet jaqblu li kull m' hemm hija d-dar konjugali u parti mill-mobbli tad-dar. Il-

konvenut jippretendi li ghandu kreditu ghad-dar li biegh biex inxtrat id-dar matrimonjali."[2]

Illi bla dubju ta' xejn il-kontestazzjoni principali f'dan ir-rigward hija d-dar konjugali bl-isem "La Colomba" fi Triq it-Trunciera –Twila San Gwann li giet stmata mill-Perit Valerio Schembri fl-ammont ta' Lm85,000. Il-fatti f' dan ir-rigward huma s-segwenti. Illi qabel iz-zwieg, il-konvenut kien xtara dar gewwa St.Henry Street, Sliema bil-prezz ta' Lm1,500 u sussegwentement giet irrangata mill-konjugi B, bl-attrici tikkontribwixxi Lm30 fil-gimgha mill-paga taghha ghal dan l-iskop. Illi permezz ta' kuntratt ta' permuta ppubblikat fis-16 ta' Jannar 1991, il-konvenut ghamel tpartit ma' hutu fis-sens li huwa partat id-dar parafernali tieghu mal-fond "La Colomba" fuq indikat, u fuq il-kuntratt gie dikjarat mill-kontraenti li l-valur separat tal-fondi huwa ta' Lm7,000.

Il-kontestazzjoni tal-konvenut f' dan ir-rigward hija fis-sens li gjaladarba il-fond "La Colombia" gie permutat bil-fond appartenenti lilll-assi parafernali tieghu, allura dak il-fond huwa eskluz mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-attrici minn naha taghha ssostni li mill-ligi, u senjatament mill-Artikolu 1320 tal-Kap.16 johrog car li, ghalkemm huwa riservat lill-konvenut kreditu ta' Lm7,000 bhala l-valur dikjarat tal-fond ta' tas-Sliema, l-akkwist tal-fond "La Colombia" jidhol fl-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti stante li dan jissubentra fit-termini tal-paragrafu [e] ta' l-Artikolu precitat li jiddisponi li fil-komunjoni ta' l-akkwisti jdhlu "kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewwgin kellha minn qabel iz-zwieg ….. bla hsara tal-jedd taghha li tiehu lura l-ispejjez li tkun ghamlet ghall-akkwist ta' dawk il-beni."

Il-Qorti tikkondividi t-tesi attrici li d-dar matrimonjali "La Colomba" tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, bi dritt ta' kreditu ta' Lm7,000 favur il-konvenut rapprezentanti l-valur dikjarat tal-fond ta' tas-Sliema li serva sabiex gie akkwistat permezz ta' permuta l-fond in parola. Dan johrog car mill-ligi, u ghalhekk ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni.

[2] Fol.67

Illi rigward il-proprjeta' mobbli u anke dik parafernali pretiza mill-partijiet il-Qorti tirrileva li tenut kont tad-diversi kontestazzjonijiet in propositu kif ukoll tal-fatt li xi uhud mill-appliances kienu gew sostitwiti waqt iz-zwieg, filwaqt li l-pretensjoni dwar mobbli ohra jew il-valur taghhom ma jirrizzultawx sodisfacentement provati stante kontestazzjoni, il-Qorti hi tal-fehema li sabiex issir gustizzja mal-partijiet l-oggetti kollha, salv ghal dawk hawn that indikati, ezistenti llum ghandhom jinbighu mad-dar matrimonjali u dak percepit jinaqsam ugwalment fejn iz-zewg partijiet.

Illi il-vettura Baleno ghandha tigi assenjata lill-konvenut li pero' ghandu jhallas id-dejn kollu li hemm fuqha. Kif ukoll l-oggetti indikati fit-tieni paragrafu tad-dokument XX14 a fol.248 tal-process, salv ghas-sitting room furniture, dawn ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenut. minn naha l-ohra l-konvenut ghandun jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti indikati that il-partita “items belonging to my ex wife” [dok.XX14 fol.248] hlief ghal “Kitchen Pine Unit”

Il-kumplament jinbiegh u dak percepit jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi rigward krediti, il-Qorti tosserva li jezisti favur il-konvenut kreditu ta' Lm7,000, kif fuq indikat; u kreditu ta' Lm6,040 favur l-attrici rapprezentanti pagamenti maghmula minnha lil George Bartolo biex jinqata' d-dejn maghmul mill-konvenut ghan-negozju tieghu u ad insaputa taghha.

Illi dwar l-eccezzjoni ta' nullita' fuq indikat il-Qorti tosserva li dina hija nfondata fit-termini tas-sub inciz [3] ta' l-Artikolu 37 tal-Kap.16.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar it-talba u l-kontro talba bil-mod li gej:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u li din kienet kagun ta' tortijiet imputabbli liz-zewg kontendenti ugwalment bejniethom;

[2] tichad it-talba ghall-manteniment ghal minuri stante li dawn illum huma maggjorenni, u tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt tal-manteniment;

[3] tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet l-effetti ta’ l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

[4] tiddikjara li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali “La Colomba” fi Triq it-Trunciera –Twila San Gwann u li din flimkien ma’ l-oggetti mobbli u flus u kontijiet bankarji formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti kif fuq indikat jigu mibjugha permezz ta’ subbasta, jew jekk il-partijiet hekk jifthemu fuq is-suq hieles, fi zmien sentejn; u nofs ir-rikavat jigi assenjat lill-attrici u n-nofs l-iehor lill-konvenut wara li jitnaqqsu minnu l-kreditu tal-konvenut fl-ammont ta’ sebat elef lira Maltin [Lm7,000] u l-kreditu ta’ l-attrici fl-ammont ta’ sitt elef u erbghin lira Maltin [Lm6,040];

[5] tordna li l-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici l-oggetti indikati that il-partita “items belonging to my ex wife” [dok.XX14 fol.248] hlief ghal “Kitchen Pine Unit”; filwaqt li tordna li l-oggetti indikati fit-tieni paragrafu, salv ghas-Sitting Room Furniture, jibqghu jinzammu mill-konvenut. Il-kumplament ta’ l-oggett jinbieghu kif fuq ordnat;

[6] tawtorizza lill-konvenut jibqa’ jabita fid-dar konjugali ma’ ulied il-kontendenti sad-data tal-beigh tal-fond in kwistjoni;

[7] tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut rigward in-nullita’ ta’ l-att tac-citazzjoni;

[8] tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom ta’ xbubitha ai termini ta’ l-Artikolu 62 tal-Kap.16;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------